MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**

**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 173/2012

**Angelo Mallia**

**vs**

**Mary Anne Bond**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur kif prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-11 ta’ Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tordna lill-konvenuta ssewwi l-hsarat li ghandha fil-fond taghha ‘Bond House’, Triq il-Mithna, Birkirkara li qed jikkagunaw dannu fil-fond ‘Casa Mallia’, Triq il-Mithna, Birkirkara, proprjeta’ tal-attur. Il-Qorti qeghda mitluba wkoll tinnomina perit biex jissorvelja tali tiswijiet u jekk it-tiswijiet ma jsirux, jigi awtorizzat jaghmilhom l-attur a spejjez tal-konvenuta. Il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas il-hsara li diga’ sofra l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li qed tigi ingunta ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta’ kompetenza l-valur ma jeccedix l-erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600).

Rat illi il-konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba taghha ghalkemm kienet notifikata bl-atti odjerni skond it-timbru tal-Marixxal Mario Bonnici datat 4 ta’ Gunju 2012 inserit fl-atti a fol 6 li juri li l-konvenuta rrifjutat in-notifika tar-rikors odjern.

Illi skond is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea’,** deciza nhar is-26 ta April 2001 jinghad li:

“*Huwa pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni u skond kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti.”*

Il-Qorti ghalhekk semghet ix-xhieda ta’ l-attur **Angelo Mallia** moghtija nhar l-4 ta’ Lulju 2012 fejn spjega li huwa jghix fil fond Casa Mallia, 20, Triq il-Mithna, B’Kara u spjega li fil-kamra tas-sodda tieghu huwa ghandu l-hsara skond ir-ritratti mmarkati bhala Dok CSH1, CSH2 u CSH3 rispettivament, u sa fejn jaf hu l-hsara saret billi l-banju li ghandha il-gara tieghu l-konvenuta Mary Anne Bond

kellha xi hsarat fid-drain taghha u dahallu l-ilma fil-kamra tas-sodda tieghu. Spjega illi hija toqghod adjacenti mieghu dizlivell ta' tlett filati. Il-kamra tal-banju taghha tmiss mal-kamra tas-sodda tieghu. Ikkonferma li huwa fil-fatt kien gharrafha li kienet qed taghmillu l-hsara pero' nonostante dan hija ma' riditx tisma'. Mistoqsi xi spejjes ghamel sabiex irranga il-post, qal li nefaq mija u sebgha u sebghin Ewro (€177), talli tnehha il-gibs u l-hajt rega' gie imkahhal u mizbugh skond l-ircevuta mmarkata bhala Dokument CSH4. Nonostante dan tenna li l-konvenuta ma rrangatx minn naha taghha u ghalhekk kellu hsarat ohra mill-gdid. Huwa esebixxa wkoll ricevuta taz-zebgha li giet immarkata bhala Dokument CSH5 fl-ammont ta' mija u tmintax-il Ewro (€118). Illum-il gurnata l-ilma qisu beda jinxef. Jumejn qabel is-smiegh tal-kawza l-konvenuta qaltlu li rrangat ix-xoghol u li ma kien hemm xejn specjali, ghalkemm ghalih la sofra l-hsara kienet kwistjoni li kellha tigi solvuta.

Huwa esebixxa erba' ritratti li jindikaw il-hsarat li huwa sofra kif ukoll ir-rapport tal-Perit David Psaila datat 20 ta' Frar 2012 li jikkonferma li l-hsara li kellu l-attur gie kagunat minhabba xi skular ta' ilma. Jghid li l-hsara tinsab f'gholi tat tmien centimetri 'l fuq mill-madum ta' l-art u jikkorrispondi ghal-livell ta' l-art tal-konvenuta. Huwa kkonferma li din il-hsara setghet giet kkagunata mill-*leakage* li kellha l-konvenuta fis-sistema tad-*drain pipes* taghha.

Huwa esebixxa tlett dokumenti u ikkonferma li hallas ic-cifri hemm indikati li fit-total taghhom li jammontaw ghal tliet mija u tletin Ewro (€330) u spjega li hallas hamsa u tletin Ewro (€35) lill-Perit ghar-rapport tieghu esebit fl-atti datat 20 ta Frar 2012, u z-zewg dokumenti l-ohra mahruga minn Salvino Grech datati 27 ta' Settembru 2011 u 17 ta' Gunju 2012 gew imhalsa minnu in konnessjoni mar-riparazzjoni tax-xoghol li sar fil-fond tieghu. Fix-xhieda tieghu spjega li huwa kellu jaghmel xoghol riparatorju f'zewg okkazjonijiet fil-fond tieghu u jghid li illum il-gurnata l-istess konvenuta irrangat ukoll is-sistema min naha taghha u ghalhekk m'ghadx ikollu penetrazzjoni ta' ilma.

Il-Qorti thoss li ix-xhieda ta’ l-attur hija veritiera, ma gietx kontestata u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ tliet mija u tletin Ewro (€330) u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din l-istess somma.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta. L-imghax fuq is-somma likwidata jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------